IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.11.2013
COM(2013) 784 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-KUMMISSJONI

li jevalwa l-kwalità tad-dejta rrapportata mill-Istati Membri fl-2012 dwar il-bilanċ tal-pagamenti, il-kummerċ internazzjonali fis-servizzi u l-investiment dirett barrani

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-KUMMISSJONI

li jevalwa l-kwalità tad-dejta rrapportata mill-Istati Membri fl-2012 dwar il-bilanċ tal-pagamenti, il-kummerċ internazzjonali fis-servizzi u l-investiment dirett barrani

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani (ir-"Regolament dwar il-BoP") [1] jispeċifika li:

"Il-kwalità tad-dejta trażmessa għandha tiġi stmata mill-Kummissjoni, fuq il-bażi tar-rapporti ta' kwalità, bl-għajnuna tal-Kumitat dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti msemmi fl-Artikolu 11(1). Din l-istima mill-Kummissjoni għandha tintbagħat lill-Parlament Ewropew għall-informazzjoni."

Dan id-dokument ta' ħidma jevalwa l-kwalità tad-dejta rrappurtata mill-Istati Membri fl-2012. Ġie mħejji bl-għajnuna tal-Kumitat dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti, kif jitlob ir-Regolament dwar il-BoP. Huwa bbażat fuq ir-riżultati tal-eżerċizzju tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-Bilanċ tal-Pagamenti (BoP) li sar mill-Eurostat bejn Jannar u Ġunju 2013.

Wara deskrizzjoni qasira tal-prinċipji applikati għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-istatistika uffiċjali u ħarsa ġenerali fil-qosor lejn l-isfidi li wieħed jiltaqa' magħhom fil-kompilazzjoni tad-dejta tal-BoP f'ambjent globalizzat, dan id-dokument janalizza sa liema punt id-dejta tal-BoP tikkonforma mal-prinċipji tal-kwalità li jirfdu s-Sistema Statistika Ewropea (SSE).

B'hekk, ir-rapport jiffoka prinċipalment fuq l-obbligi legali tal-Istati Membri li jiġbru u jittrażmettu d-dejta dwar il-BoP u sa fejn dawn jikkonformaw magħhom. Jipprovdi wkoll informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-kwalità tad-dejta tal-BoP, b'enfasi partikolari fuq l-aggregati totali u l-komponenti ewlenin meħtieġa biex jinġabru l-aggregati.

2. IL-VALUTAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-ISTATISTIKA UFFIĊJALI

Il-valutazzjoni tal-kwalità tal-bilanċ tal-pagamenti hija eżerċizzju annwali mmexxi mill-Eurostat skont il-prinċipji stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1055/2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 184/2005 fir-rigward ta' kriterji tal-kwalità u rappurtar tal-kwalità għall-istatistiċi ta' bilanċ tal-pagamenti[2]. Il-valutazzjoni tal-kwalità tal-BoP tivverifika l-konformità mal-kriterji kollha ta' kwalità stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-

[1] ĠU L 35, 8.2.2005, P. 23.
[2] ĠU L 283, 28.10.2008, p. 3.

Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea[3], l-Artikolu 12 (1), jiġifieri: ir-rilevanza, il-preċiżjoni, it-tempestività, il-puntwalità, l-aċċessibilità u ċ-ċarezza, il-komparabilità u l-koerenza.

L-Eurostat għamel sforzi kbar biex jiżviluppa metodi u għodod għall-ġestjoni tal-kwalità li għandhom iservu ta' appoġġ fil-produzzjoni tal-istatistika Ewropea ta' kwalità għolja. Ir-rappurtar dwar il-kwalità jirfed il-valutazzjoni tal-kwalità, li min-naħa tiegħu huwa l-punt tat-tluq għat-titjib fil-kwalità. Il-"Manwal tas-SSE għar-Rapporti dwar il-Kwalità" jagħti dettalji dwar il-firxa sħiħa ta' metodi li jistgħu jintużaw għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-istatistika uffiċjali[4], li jvarjaw skont it-tip ta' proċess statistiku.

L-iskop tal-istatistika huwa li jiġu prodotti stimi ta' valur mhux magħruf; dawn l-istimi ma jagħtux stampa ċara tal-valuri vera minħabba l-varjabbiltà u d-distorsjoni. L-istatistika jista' jkun fiha firxa wiesgħa ta' żbalji fit-teħid tal-kampjuni u fin-nuqqas tat-teħid tagħhom. Għal statistika msejsa fuq stħarriġ bit-teħid ta' kampjuni hemm teorija stabbilita li tivverifika l-preċiżjoni li tħares lejn il-varjabbiltà ta' stimatur madwar il-valur mistenni tiegħu, espress permezz tal-varjanza, l-iżball standard, il-koeffiċjent tal-varjazzjoni jew l-intervalli tal-fiduċja tiegħu. Bħall-kontijiet nazzjonali, id-dejta dwar il-bilanċ tal-pagamenti tinġabar bħala aggregati ta' varjetà tal-istatistika primarja, uħud ibbażati fuq stħarriġ bil-kampjuni, uħud derivati minn dejta amministrattiva, u għud jirriżultaw minn mudelli. Fil-każ tal-istatistika aggregata bħall-BoP, il-preċiżjoni ma tistax titkejjel b'approċċ dirett. Iż-żewġ strumenti prinċipali li, skont il-manwali dwar il-kwalità tal-istatistika, jistgħu jintużaw għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-istatistika ta' dan it-tip huma l-analiżi tar-reviżjonijiet u l-eżami tal-iżbalji u l-omissjonijiet[5]; iż-żewġ strumenti huma koperti minn dan ir-rapport.

Il-FMI żviluppa wkoll standards għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-istatistika, li jiffurmaw parti mid-Data Quality Assessment Framework (DQAF) - (Qafas għall-valutazzjoni tal-kwalità tad-dejta). DQAF speċifiku wieħed huwa ddedikat għall-BoP[6].

Ir-rapporti tal-Eurostat dwar il-kwalità tal-BoP jirriflettu l-istandards stabbiliti għas-SSE u definiti mid-DQAF. Biex dawn ir-rapporti jsiru iżjed adattati biex jaqbdu l-karatteristiċi differenti tal-kwalità tad-dejta, maż-żmien il-kontenut tagħhom twessa' u se jkomplu jiġu mtejba fil-ġejjieni.

Filwaqt li l-kwalità tal-istatistika aggregata mhijiex is-somma sempliċi tal-kwalità tad-dejta sottostanti primarja kollha, il-kwalità tad-dejta tal-BoP ċertament tiddependi fuq il-kwalità tas-sorsi tad-dejta sottostanti kollha. Ir-rapporti dwar il-kwalità jitħejjew regolarment għall-kummerċ internazzjonali tal-prodotti[7], il-komponent ewlieni tal-kont kurrenti; madankollu, biex tiġi evalwata l-kwalità ta' kull komponent li jagħmel il-BoP, ikun hemm bżonn ta' wisq flus u ħin.

3. L-ISFIDI LI WIEĦED JILTAQA' MAGĦHOM FIL-KOMPILAZZJONI TAL-ISTATISTIKA TAL-BOP

Is-sistemi għall-kompilazzjoni tal-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti kienu ġew żviluppati l-ewwel bħala prodotti sekondarji tas-sistemi tal-kontroll tal-kambju: il-banek residenti ġabru u pprovdew lill-kompilaturi tal-BoP (ġeneralment fil-banek ċentrali nazzjonali) b'informazzjoni dwar kull

---

3 ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

4 Ara l-"ESS Handbook for Quality Reports", (Manwal tas-SSE għar-Rapporti dwar il-Kwalità), Dokumenti ta' Ħidma tal-Eurostat, 2009. Ara wkoll 'Standard tas-SSE għar-Rapporti dwar il-Kwalità", Dokumenti ta' Ħidma tal-Eurostat, 2009.

5 Ara "Il-Manwal tas-SSE għar-Rapporti dwar il-Kwalità", Eurostat, 2009, p. 65.

6 Ara http://dsbb.imf.org/images/pdfs/dqrs_bop.pdf.

7 Ara http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/product_details/publication?p_product_code=KS-RA-10-026.

tranżazzjoni individwali f'munita barranija. Dan is-sors ta' informazzjoni, magħruf bħala s-sistema għar-rappurtar ta' tranżazzjonijiet internazzjonali (l-ITRS - international transaction reporting system) jew ir-"rappurtar abbażi tas-saldu", għadu s-sors primarju għall-kompilazzjoni tal-istatistika tal-BoP f'ħafna pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea.

It-tneħħija tar-restrizzjonijiet fil-kambju, iż-żieda fin-numru u l-kumplessità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji transkonfinali u l-immaniġġjar integrat tal-pagamenti li jsiru mill-kumpaniji multinazzjonali gradwalment illimitaw il-komprensività tal-informazzjoni miġbura mis-sistema tas-saldu. Fl-UE, is-siwi tar-rappurtar abbażi tas-saldu għall-kompilazzjoni tal-istatistika tal-BoP kompla jiġi limitat bil-movimenti biex jiġi liberalizzat is-suq tal-UE fis-servizzi finanzjarji[8]. Minħabba li s-sors tradizzjonali tad-dejta għall-kompilazzjoni tad-dejta tal-BoP kien qed isir dejjem anqas komprensiv, l-uffiċjali tal-istatistika Ewropej żviluppaw sorsi alternattivi ta' dejta, f'kuntest ta' inqas riżorsi u ta' iktar oppożizzjoni għall-piż statistiku fuq ir-rispondenti.

Mill-2000'il quddiem, il-kompilaturi tal-BoP fl-UE daħħlu sistemi ġodda għall-ġbir u l-kompilazzjoni tad-dejta. Is-sistemi l-ġodda, li diġà ġew implimentati fil-parti l-kbira tal-Istati Membri tal-UE, huma bbażati fuq taħlita ta' stħarriġiet differenti, xi kultant integrata mal-informazzjoni limitata li għadha disponibbli mis-sistema l-ITRs. Isir użu akbar minn informazzjoni miksuba direttament mingħand kumpaniji jew individwi. Isir użu aktar sħiħ mill-metodi tat-teħid tal-kampjuni u tal-estimazzjoni. Il-konsistenza ma' statistika oħra, eż. tal-kontijiet nazzjonali u tal-kummerċ tal-merkanzija, tiġi mmonitorjata aktar mill-qrib u ġew stabbiliti għodod komuni fil-livell tal-UE u taż-żona tal-euro li jagħmlu l-proċess tat-tfassil aktar uniformi. Eżempju wieħed huwa l-Bażi tad-Dejta tas-Sigurtà Ċentralizzata li tippermetti li tinġabar dejta dwar l-investiment tal-portafoll billi tistħarreġ l-informazzjoni dwar kull titolu ta' sigurtà individwali; Eżempju ieħor huwa n-netwerk IDB, li jippermetti skambji ta' mikrodejta relatati mal-investiment dirett barrani (IDB).

4. IR-RILEVANZA

Ir-"rilevanza" tfisser il-punt sa fejn l-istatistika tissodisfa l-ħtiġijiet kurrenti u potenzjali tal-utenti. B'riżultat tal-kriżi finanzjarja, id-dejta tal-BOP (u tal-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali, IIP) qed tiġbed aktar attenzjoni mill-utenti. L-istatistika tal-BoP u tal-IIP hija għodda fundamentali fl-analiżi tal-iżbilanċi esterni u jintużaw ukoll bħala dejta primarja għal tlieta mill-ħdax-il indikatur li huma parti mit-tabella ta' valutazzjoni tal-UE għall-Proċedura għall-Iżbilanċ Makroekonomiku (MIP)[9].

Fl-eżerċizzju tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-BoP, ir-rilevanza titkejjel permezz tad-disponibbiltà tad-dejta meħtieġa mir-Regolament dwar il-BoP għall-utenti finali, jekk wieħed jassumi li l-ħtiġijiet tal-utenti huma riflessi sew fir-Regolament.

Peress li l-ħtiġijiet tal-utenti jevolvu maż-żmien, il-Kummissjoni emendat ir-rekwiżiti tad-dejta tal-BoP skont l-istandards internazzjonali l-ġodda. L-aħħar Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament dwar il-BoP fir-rigward tal-aġġornament tar-rekwiżiti tad-dejta u d-definizzjonijiet[10] ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali nhar is-27 ta' Ġunju 2012 u se japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

---

[8] Ir-Regolament Nru 2560/2001 dwar il-pagamenti transkonfinali f'euro eżenta t-tranżazzjonijiet kollha li huma inqas mil-livell limitu ta' EUR 12 500 mir-rappurtar għall-istatistika. Meta kien rivedut ir-Regolament Nru 2560/2001, il-livell limitu żdied għal EUR 50 000 (ir-Regolament (KE) Nru 924/2009, l-Artikolu 5 (1)).

[9] http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/excessive_imbalance_procedure/imbalance_scoreboard.

[10] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 555/2012 tat-22 ta' Ġunju 2012, ĠU L 166, 27.6.2012, p. 22.

B'konsegwenza tal-inkwiet riċenti fis-swieq finanzjarji, l-utenti, madankollu, diġà qed jitolbu dejta ddettaljata tal-BoP u tal-IIP li tmur lil hinn minn dik inkluża fir-Regolament emendat dwar il-BoP. Dawn jistgħu, pereżempju, jeħtieġu aktar analiżi dettaljata ġeografika, u possibbilment dejta bilaterali. L-utenti responsabbli għan-negozjati tal-kummerċ ma' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE tennew it-talba tagħhom għal informazzjoni dwar is-servizzi "skont il-mod tal-provvista"[11]. Il-Eurostat qed tagħmel pressjoni fuq l-Istati Membri biex dawn jipprovdu din l-informazzjoni addizzjonali fuq bażi volontarja.

4.1. Id-disponbillità tad-dejta

Il-kriterju tal-kompletezza tad-dejta jiffoka fuq id-disponibbiltà tad-dejta mitluba mir-Regolament dwar il-BoP. Din titkejjel bħala s-sehem tal-għadd ta' valuri li huma pprovduti min-numru totali ta' valuri mitluba. It-Tabella 1 turi dan l-indikatur għal kull Stat Membru u skont is-sett tad-dejta.

Fil-każ tal-**indikaturi tal-euro**, fil-kwarti ta' referenza (2011Q3-2012Q2) l-Istati Membri kollha kkomformaw b'mod sħiħ mal-ħtiġijiet tar-Regolament tal-BoP.

Għall-bilanċ tal-pagamenti ta' kull tliet xhur, id-disponibbiltà tad-dejta kienet stabbli matul l-aħħar kwarti u kellha medja ta' 98% għall-perjodi ta' referenza (2011Q3-2012Q2), żieda minn 95% għall-erba' kwarti ta' qabel (2010Q3-2011Q2) bis-saħħa tad-dettall ikbar irrappurtat mill-Bulgarija, Franza (100% konformi mill-2012Q1) u r-Rumanija.

Dwar il-**kummerċ internazzjonali fis-servizzi**, id-disponibbiltà tad-dejta żdiedet bi ftit minn 97% fis-sena ta' qabel, u laħqet 98% għaċ-ċelloli kollha tad-dejta mitluba.

Għall-**flussi tal-IDB u l-istokkijiet tal-IDB**, fil-perjodu ta' referenza 2011 (t + 9), il-medja tal-UE naqset mill-100% rreġistrati fis-sena ta' qabel għal 98% u 99% rispettivament. Id-disponibbiltà ġenerali tad-dejta tal-IDB bi tqassim ġeografiku u skont l-attività għas-sena ta' referenza 2010 (t + 21) tjiebet, għalkemm, minn 92% għal 95% għall-flussi tal-IDB u minn 95% għal 97% għall-flussi tal-IDB.

Id-disponibbiltà tad-dejta hi għolja ħafna għal kull dominju tal-BoP. Il-ftit dejta li ma ġietx irrappurtata hija marbuta ma' partiti dettaljati ħafna u ma' tqassimiet ġeografiċi jew skont l-attività.

---

[11] Dan ikun jinvolvi li ssir distinzjoni ċara bejn it-tranżazzjonijiet skont: (a) jekk huwiex servizz li jiġ pprovdut min-naħa għall-oħra tal-fruntiera ("modalità 1"), (b) jekk huwiex il-konsumatur li jaqsam il-fruntiera ("modalità 2"), jew (c) jew huwiex il-fornitur tas-servizz li jaqsam il-fruntiera ("modalità 4"). Ara l-Manwal dwar l-Istatistika tal-Kummerċ Internazzjonali fis-Servizzi 2010, Kapitolu V.

Tabella 1: Il-kompletezza tad-dejta

	L-Indikaturi tal-Euro (t + 2)	Il-Bilanċ tal-pagamenti ta' kull tliet xhur (t + 3)	Il-kummerċ internazzjonali fis-servizzi (t + 9)	Il-flussi tal-IDB (t + 9)	L-istokks tal-IDB (t + 9)	Il-flussi tal-IDB (t + 21)	L-istokks tal-IDB (t + 21)
Il-Belġju	100%	100%	100%	100%	96%	39%	100%
Il-Bulgarija	100%	93%	100%	100%	100%	100%	100%
Ir-Repubblika	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%
Id-Danimarka	100%	100%	100%	100%	100%	99%	99%
Il-Ġermanja	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%
L-Estonja	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%
L-Irlanda	100%	100%	100%	100%	100%	99%	99%
Il-Greċja	100%	100%	74%	100%	100%	70%	100%
Spanja	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%
Franza	100%	92%	100%	93%	100%	100%	100%
L-Italja	100%	100%	100%	100%	97%	100%	63%
Ċipru	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%
Il-Latvja	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%
Il-Litwanja	100%	100%	100%	100%	100%	95%	100%
Il-Lussemburgu	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%
L-Ungerija	100%	98%	100%	99%	96%	100%	100%
Malta	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%
Il-Pajjiżi l-Baxxi	100%	100%	92%	100%	100%	100%	100%
L-Awstrija	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%
Il-Polonja	100%	74%	100%	59%	87%	76%	84%
Il-Portugall	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%
Ir-Rumanija	100%	97%	95%	100%	100%	100%	100%
Is-Slovenja	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%
Is-Slovakkja	100%	94%	97%	100%	100%	95%	96%
Il-Finlandja	100%	100%	100%	100%	100%	100%	100%
L-Isvezja	100%	94%	98%	100%	100%	100%	100%
Ir-Renju Unit	100%	100%	93%	99%	96%	91%	91%
Il-medja tal-UE	**100%**	**98%**	**98%**	**98%**	**99%**	**95%**	**97%**

5. IL-PREĊIŻJONI

Il-"preċiżjoni" tfisser kemm l-estimi jqarrbu lejn il-valuri reali mhux magħrufa. Filwaqt li l-istatistika primarja titsa' tkejjel il-preċiżjoni bl-indikaturi statistiċi bħall-iżbalji medji u l-varjanza, ma jistgħux jiġu żviluppati indikaturi simili għall-istatistika makroekonomika li tkun ir-riżultat ta' għadd ta' proċeduri differenti għall-ġbir u l-kumpilazzjoni tad-dejta. Ir-rapport dwar il-kwalità tal-BoP ikejjel il-preċiżjoni billi jħares lejn id-daqs tar-reviżjonijiet. Huwa preżunt li kull reviżjoni tqarreb is-sett tad-dejta aktar lejn il-valur reali.

Ir-reviżjonijiet ma jfissrux li saru l-"iżbalji" jew li l-kwalità tad-dejta qed tiddgħajjef maż-żmien. Anzi, bil-kontra, ir-reviżjonijiet isiru meta jsiru disponibbli sorsi ġodda tad-dejta u informazzjoni aħjar. Politika tar-reviżjonijiet stabbilita sew u mxandra pubblikament hi sinjal tas-saħħa tas-sistema tal-istatistika kkonċernata.

Madanakollu, id-daqs tar-reviżjonijiet hu kejl tal-kwalità tal-ewwel rilaxx ta' sett speċifiku tad-dejta, meta mqabbel mal-aħħar ġabra li tkun disponibbli. Isir kompromess bejn it-tempestività u d-daqs ta' reviżjoni: iżjed ma jiġi rilaxxat kmieni l-ewwel sett tad-dejta, iżjed ikunu kbar ir-reviżjonijiet mistennija hekk kif jinħarġu l-ġabriet ta' wara tal-istess sett tad-dejta.

5.1. L-Istabbiltà

Stima preliminari ħafna għall-bilanċ tal-pagamenti ta' kull tliet xhur tkun disponibbli 60 jum wara l-perjodu ta' referenza ('Indikaturi tal-Euro"), filwaqt li l-ewwel stima sħiħa tkun disponibbli 90 jum wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza. L-estimi finali normalment ikunu disponibbli wara tliet snin u nofs (14-il kwart), iżda r-reviżjonijiet huma possibbli wkoll wara perjodi itwal.

It-Tabella 2 turi l-valuri medji tar-reviżjonijiet tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull tliet xhur bejn id-dejta disponibbli fi t+60 u t+90 jum, filwaqt li t-Tabelli 3 u 4 juru l-valuri medji għar-reviżjonijiet mill-ewwel sal-aħħar stima tul l-aħħar 14-il kwart ta' referenza (2009Q1-2012Q2), espressi bħala perċentwal tal-valur oriġinali.

Il-Graff 1 turi d-differenzi bejn l-ewwel u l-aħħar estimi għall-kont kurrenti totali tal-UE-27.

Ir-reviżjonijiet għall-krediti kienu l-ogħla fl-2007, imbagħad komplew jonqsu sal-2009 u baqgħu kostanti minn hemm 'il quddiem. Ir-reviżjonijiet tad-dejta nazzjonali ta' sikwit jibbilanċjaw ruħhom bejn il-pajjiżi. Għalhekk, l-estimi tal-aggregati tal-UE-27 huma pjuttost stabbli matul iż-żmien.

Ir-reviżjonijiet f'direzzjonijiet differenti għall-krediti u d-debiti jistgħu jwasslu għal reviżjoni mdaqqsa tal-bilanċ, anki jekk ir-reviżjonijiet assoluti jkunu minuri.

Il-valuri medji tar-reviżjonijiet għandhom ikunu interpretati b'attenzjoni peress li jistgħu jkunu anormalment għoljin jekk l-estimi tal-bidu kienu baxxi. L-indikaturi għall-ekonomiji żgħar huma sensittivi ħafna għal dan il-fattur: fi ftit każijiet dawn juru valuri estremi minkejja l-fatt li l-ammonti assoluti tal-ewwel estimi, kif ukoll tar-reviżjonijiet sussegwenti, huma żgħar ħafna. B'mod iżjed ġenerali, hemm bżonn ta' interpretazzjoni b'attenzjoni ukoll fil-każijiet (eż: derivattivi finanzjarji) fejn ikunu mkejla r-reviżjonijiet tal-flussi netti (id-debiti nieqes il-krediti).

Fil-**kont kurrenti** ġew irreġistrati reviżjonijiet żgħar ħafna kemm fin-naħa tal-krediti u kif ukoll fin-naħa tad-debiti tal-**kont tal-prodotti**, filwaqt li fil-**kont tas-servizzi** l-valuri tar-reviżjonijiet ġeneralment kienu ftit ogħla minn tal-prodotti, u kienu l-iktar sinifikanti għal **servizzi oħra**. Il-**kont tad-dħul** jiġi affettwat l-aktar bir-reviżjonijiet, u ta' sikwit jiġu rreġistrati valuri għoljin ħafna fuq id-

dħul mill-investiment dirett minħabba d-diffikultajiet li għandhom il-kompilaturi biex jagħtu stima tal-qligħ fl-ewwel tranżmissjonijiet tagħhom. Matul l-14-il kwart li ġew ikkunsidrati, ir-reviżjonijiet kienu ġeneralment ogħla għall-partiti tal-**kont finanzjarju** milli għall-partiti tal-kont kurrenti, u dan jirrifletti d-differenzi kemm fl-iskala u kif ukoll fil-volatilità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji transkonfinali. Għall-UE, ir-reviżjonijiet kienu l-akbar għall-**investiment dirett barrani endoġenu, il-passiv fl-investiment tal-portafoll** u d-**derivattivi finanzjarji**.

Tabella 2: Valuri medji tar-reviżjonijiet għall-indikaturi tal-euro, 2009Q1-2012Q2, % tal-valur oriġinali

Stat Membru	Prodotti		Servizzi		Kumpens tal-impjegati		Dħul mill-ID		Dħul mill-IP		Dħul mill-IO		Trasferimenti kurrenti	
	C	D	C	D	C	D	C	D	C	D	C	D	C	D
BE	0.9	1.2	3.3	3.9	0.6	12.3	16.3	-56.5	-1.9	-	-2.8	-8.5	20.4	7.3
BG	-0.9	0.1	2.8	3.8	4.5	-33.4	98.4	17.7	23.9	-	12.5	22.7	-0.5	-9.6
CZ	0.6	3.1	1.6	31.2	5.2	-3.4	13.0	35.9	11.9	-	-0.8	-12.1	8.6	1.3
DK	0.2	0.1	0.6	0.3	0.5	8.9	0.7	0.0	-0.4	-	0.2	3.0	3.1	1.6
DE	0.2	0.7	0.1	-3.4	1.9	3.3	12.2	0.2	-0.4	-	2.8	2.4	0.1	-3.3
EE	0.0	0.0	0.1	0.0	-2.0	0.3	-6.5	-2.3	-5.3	-	1.5	0.2	1.5	0.1
IE	3.2	9.9	5.7	-1.0	12.9	-0.1	17.5	13.3	4.8	-	-2.2	-5.7	75.5	28.8
EL	-2.0	-1.2	-0.8	-3.9	-3.3	-0.7	47.6	-17.2	-21.0	-	-8.5	-0.5	-0.8	5.4
ES	0.4	-0.1	4.1	1.7	0.5	0.0	2.6	78.3	-0.6	-	-2.6	-6.0	-0.4	-0.5
FR	-1.6	-0.6	-2.3	-4.4	3.5	3.1	12.5	4.9	27.7	-	-15.7	-20.4	19.4	17.9
IT	0.1	0.2	1.6	1.4	7.5	3.8	-0.6	-10.2	-4.1	-	1.8	2.4	4.0	10.4
CY	29.9	8.1	35.9	4.5	21.6	11.3	133.2	114.4	-4.3	-	26.2	20.5	30.1	30.7
LV	-0.2	-1.0	-3.6	-2.8	0.5	-2.6	-54.2	-17.5	0.3	-	-0.9	-3.9	-0.4	-0.5
LT	0.4	0.9	26.1	0.6	12.5	144.9	-278.3	85.8	46.7	-	36.3	107.7	15.3	7.6
LU	5.7	3.8	2.1	3.5	-0.7	-27.1	42.9	127.5	1.2	-	2.8	-3.0	2.1	-0.2
HU	-1.3	-1.1	-2.0	-6.1	554.0	-0.8	23.0	4.2	-1.6	-	4.2	2.2	70.0	52.1
MT	1.3	0.9	3.2	3.5	0.0	0.0	-369.8	18.8	0.6	-	-0.7	-2.5	c	c
NL	-0.2	1.7	3.6	-0.9	-41.4	-23.1	-13.2	-35.1	2.6	-	-46.0	-39.8	-19.8	-2.3
AT	1.5	11.1	6.1	3.2	0.8	1.1	2.2	7.7	0.9	-	0.5	1.9	-1.0	2.3
PL	1.1	1.2	0.5	0.9	-2.9	26.7	-485.0	14.8	-1.7	-	-5.3	35.4	16.9	-0.6
PT	0.4	0.0	0.1	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	-	0.3	7.0	17.8	26.0
RO	0.0	0.1	3.9	2.1	4.5	2.7	189.3	-11.0	4.7	-	19.3	2.0	1.7	-0.6
SI	2.7	6.9	20.1	12.9	0.0	-0.9	1.0	-3.3	-0.2	-	0.2	-0.1	1.9	2.1
SK	3.3	0.5	-6.6	-6.4	79.1	25.7	-252.3	83.9	-7.4	-	-13.1	-15.9	-7.4	65.6
FI	1.2	-1.8	0.2	0.3	0.2	1.0	-2.5	-57.3	-0.2	-	0.1	0.0	17.8	4.5
SE	0.0	0.0	0.0	0.0	-0.6	0.0	-36.3	-50.8	0.0	-	0.0	0.0	8.8	6.0
UK	-0.8	-0.5	0.1	0.6	2.7	-2.5	125.2	2.0	2.5	-	-5.6	-4.2	23.9	4.1
UE	**0.1**	**0.7**	**1.8**	**-0.4**	**0.7**	**-2.2**	**-1.3**	**-12.7**	**3.8**	**3.5**	**-7.4**	**-7.8**	**0.6**	**4.5**

Tabella 3: Il-valuri medji tar-reviżjonjiet għall-partiti ewlenin tal-kont kurrenti, 2009Q1-2012Q2 (%)


Stat Membru	Prodotti		Servizzi		Trasport		Ivvjaġġar		Servizzi oħra		Kump. tal-impjegati.		Dħul mill-ID		Dħul mill-IP		Dħul mill-IO		Trasf. kurrenti	
	C	D	C	D	C	D	C	D	C	D	C	D	C	D	C	D	C	D	C	D
BE	1.1	3.1	9.3	6.0	1.5	2.5	3.0	1.6	15.1	2.5	4.8	29.0	9.6	-3.6	7.1	-	-10.0	-29.8	31.7	11.1
BG	-0.4	1.2	0.6	-0.7	-8.1	-9.1	5.1	4.5	3.5	7.9	2.4	41.7	-92.1	-308.7	3.3	-	3.8	9.5	9.4	-3.9
CZ	2.1	-3.2	1.0	11.3	-8.5	2.3	12.9	-8.4	0.2	-1.2	0.5	6.2	-54.1	12.7	-	-	-6.9	-1.0	11.3	-10.6
DK	0.8	-1.5	4.4	2.9	3.9	6.4	-6.5	1.2	9.1	-3.1	30.5	-0.6	-0.1	-52.9	4.4	-	1.6	-1.4	3.2	-0.7
DE	1.6	1.9	3.5	1.8	2.7	1.6	0.2	0.7	4.4	2.6	7.5	17.0	53.5	-8.7	-	-	8.6	9.8	-0.3	-7.6
EE	-1.6	-1.8	0.3	-1.1	0.5	-5.4	-0.3	4.0	0.2	0.6	-6.8	0.1	14.7	995.4	2.4	-	-0.7	-1.5	-11.2	-5.1
IE	-1.4	-0.2	-1.9	-0.7	-0.1	0.1	13.6	-9.7	-2.5	-0.1	13.7	-4.4	5.9	-6.7	5.3	-	-8.5	-8.7	-1.3	2.5
EL	-1.3	-0.7	-0.2	-0.7	-0.2	-0.6	0.0	0.0	-1.3	-1.7	-1.4	-0.7	312.8	-75.8	0.0	-	-2.7	-1.4	-0.5	0.5
ES	0.5	-0.3	1.3	1.9	1.8	5.5	3.0	0.5	0.6	0.5	1.9	-1.1	39.5	17.6	-	-	0.8	-0.3	2.9	1.2
FR	0.0	-1.2	23.1	12.0	3.7	3.8	4.4	-0.1	42.4	29.4	16.1	-5.7	31.8	34.0	0.0	-	4.8	0.1	34.9	40.2
IT	-0.3	0.6	8.0	5.6	0.1	0.5	0.7	0.1	21.7	12.7	245.7	67.9	158.1	34.9	0.6	-	21.7	-1.0	33.9	8.5
CY	-24.5	-7.1	3.1	7.3	1.2	5.2	-4.5	10.2	5.8	8.7	12.0	6.1	51.0	53.5	0.5	-	4.3	5.6	-6.3	-2.6
LV	-0.6	-0.1	-0.5	-1.6	-0.3	2.5	0.2	0.0	-1.4	-3.6	-3.2	2.5	50.5	-21.9	-	-	-1.0	-2.0	0.1	-0.2
LT	-0.1	-1.4	2.1	6.0	-0.1	1.1	13.5	25.3	-4.2	-3.0	24.2	26.0	195.3	16.6	-	-	-3.0	-29.6	-6.1	17.9
LU	-0.8	1.0	-7.3	-0.8	-0.4	-2.2	14.4	0.9	-7.9	-3.4	0.3	11.3	11.9	13.9	0.1	-	-10.9	-21.9	-2.2	-0.7
HU	-5.6	-0.2	2.6	0.1	-1.0	-1.4	0.0	-13.2	4.7	3.5	-3.6	-17.6	61.0	46.1	1.7	-	-0.4	1.5	9.4	0.5
MT	17.8	17.9	4.0	30.2	1.3	10.1	c*	c*	16.4	45.3	-0.8	-4.7	-122.6	-630.7	0.1	-	-0.1	0.2	c*	c*
NL	-1.2	-1.0	-0.1	2.1	-0.1	0.8	-1.8	0.0	-0.1	2.6	-0.5	63.9	31.1	27.5	2.3	-	-1.5	-5.1	-21.3	-6.2
AT	0.7	-1.0	1.8	0.4	1.6	1.1	-0.5	0.7	2.8	-0.3	-0.2	-5.9	24.7	56.4	2.4	-	0.5	-0.2	-0.8	-2.3
PL	-0.5	-1.4	-1.2	0.8	1.3	2.4	-2.8	5.7	-0.9	-2.0	-22.7	203.1	163.1	-22.2	8.0	-	0.0	-0.3	-34.4	-14.2
PT	-0.4	0.0	0.3	-0.1	0.1	-1.6	0.0	0.3	1.1	0.7	0.1	8.5	21.2	2.2	0.4	-	15.3	-4.0	-8.5	-10.7
RO	-0.1	1.3	2.3	-8.9	-5.4	-22.5	2.7	-0.2	5.6	2.6	4.6	1.4	-662.5	-277.7	0.3	-	22.7	-4.4	-0.5	-4.2
SI	0.3	-0.1	-7.2	-1.9	6.1	0.1	-0.4	-6.5	0.7	3.6	91.3	-8.7	-137.7	-26.2	-	-	-0.2	2.3	3.6	17.5
SK	-0.4	-0.5	-1.8	-1.0	-0.9	-5.0	-3.9	6.5	-2.6	0.6	-12.3	-29.6	186.5	118.9	-	-	-1.0	-3.1	-20.5	-20.6
FI	1.0	0.7	10.8	18.7	12.3	4.1	3.2	2.0	c*	c*	0.3	6.2	13.2	506.3	-	-	0.3	3.2	-1.9	7.0
SE	0.2	0.5	-1.3	-0.1	-0.9	-3.9	-5.9	-2.8	0.1	1.9	2.0	-3.6	7.7	51.4	3.0		-5.0	-10.7	-8.4	0.5
UK	0.2	-0.1	5.4	0.0	1.8	-1.1	8.6	1.4	5.7	-1.2	8.8	-3.4	-2.5	7.5	0.5	-	9.9	3.9	20.1	8.2
UE	**0.3**	**0.3**	**4.9**	**2.9**	**1.6**	**1.7**	**2.0**	**0.1**	**7.0**	**3.8**	**13.9**	**19.2**	**16.0**	**8.7**	**-**	**-**	**1.2**	**-3.3**	**1.6**	**1.7**

*c – kunfidenzjali

Tabella 4: Il-valuri medji tar-reviżjonijet għall-partiti ewlenin tal-kont finanzjarju, 2009Q1-2012Q2

MEDJA TA' TLIET XHUR TAL-KONT FINANZJARJU TAL-BoP (%)							
Stat Membru	ID endoġenu	ID eżoġenu	Assi tal-IP	Passiv tal-IP	Assi tal-IO	Passiv tal-OI	Derivattivi finanzjarji
BE	33.2	1.6	-90.5	-13.2	30.5	8.2	132.4
BG	-182.6	-154.4	59.1	-7.5	-920.6	-45.7	6.7
CZ	-89.4	683.4	-41.4	0.0	-20.2	-1802.9	-14.0
DK	-3.1	180.0	-40.2	-10.9	-4.7	0.7	-14.7
DE	141.7	32.0	-2.5	15.9	45.3	2.8	35.6
EE	38.3	110.3	3.4	66.9	2.3	-94.6	-13.3
IE	47.1	38.2	-35.4	87.9	-14.7	-3.8	18.0
EL	-557.7	-131.7	54.4	0.4	1.2	1.3	-1.1
ES	207.2	48.7	25.0	-3.8	-3.1	-14.7	-29.6
FR	-7.5	-17.6	-30.7	4.5	-29.4	-29.4	-359.2
IT	161.8	-23.7	-156.0	-1.9	-1330.6	11.1	697.3
CY	314.7	296.8	-16.5	-258.3	-170.3	-87.4	-21.6
LV	-36.1	-63.9	-207.3	34.2	-22.3	8.0	10.7
LT	-87.5	188.9	-3.3	-29.9	73.9	3.7	-16.7
LU	-142.3	64.8	-8.5	-14.6	79.1	-0.1	1721.6
HU	-84.9	52.4	46.2	4.0	-2.0	33.4	-2.8
MT	-9.1	-101.3	-5.1	-49.4	0.2	2.1	-3.2
NL	-51.7	121.8	-5.3	10.1	-257.4	34.7	14.8
AT	114.9	52.7	-2.7	5.9	-7.3	16.8	-225.7
PL	275.5	-34.4	-50.4	1.2	66.1	-17.5	-2.3
PT	-364.4	-94.3	-15.2	39.8	-39.5	-14.5	-9.4
RO	473.5	-131.2	-167.0	-18.5	-41.3	42.5	40.1
SI	-23.5	35.3	5.3	12.0	-20.3	43.8	-2028.6
SK	16.3	64.0	98.6	15.0	-25.3	82.9	-0.4
FI	249.3	-140.1	4.9	20825.7	9.9	-3.1	23.7
SE	87.6	-51.4	7.2	17.1	-148.4	-34.1	-38.2
UK	-3.6	32.6	159.9	8.8	1.5	87.6	-14.4
UE	**35.2**	**9.0**	**4.0**	**-32.1**	**-3.7**	**10.9**	**70.5**

Graff 1: Id-differenzi bejn l-ewwel u l-aħħar estimi għall-UE-27 għall-kont kurrenti, 2005Q1-2012Q2, f'miljuni ta' EUR



6. IT-TEMPESTIVITÀ U L-PUNTWALITÀ

Il-puntwalità titkejjel f'termini ta' konformità mal-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-dejta stabbiliti fir-Regolament tal-BoP. It-Tabella 5 tanalizza l-puntwalità tal-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti. Din turi li, bi ftit ferm eċċezzjonijiet, l-Istati Membri laħqu l-iskadenzi għas-settijiet kollha tad-dejta.

It-tempestività tista' wkoll titkejjel bħala d-differenza bejn il-perjodu ta' referenza kopert mis-settijiet tad-dejta u l-mument meta d-dejta ssir disponibbli għall-utenti. Bħalissa d-dejta dwar il-BoP tiġi rrapportata lill-Eurostat 90 jum wara tmiem il-perjodu ta' referenza. Ir-Regolament emendat dwar il-BoP iqis it-talbiet tal-utenti għal statistika aktar tempestiva, għat-tnaqqis tal-iskadenza tar-rappurtar mid-90 jum kif inhi bħalissa għal 85/82/80 jum, rispettivament mill-2014/2017/2019 'il quddiem.

Tabella 5: Il-puntwalità tat-trażmissjonijiet tad-dejta

	L-Indikaturi tal-Euro *	**Bilanċ ta' pagamenti ta' kull tliet xhur ***	**Kummerċ internazzjonali fis-servizzi**	**Investiment dirett barrani — flussi**	**Investiment dirett barrani — stokks**
Data ta' skadenza:	***perjodu ta' referenza + xahrejn***	***perjodu ta' referenza + 3 xhur***	***perjodu ta' referenza + 9 xhur***	***Perjodu ta' referenza + 9 (jew 21) xhur****	***perjodu ta' referenza + 9 xhur (jew 21) xahar****
Il-Belġju	-1	-1	0	-3	24
Il-Bulgarija	-10	-13	0	-2	-2
Ir-Repubblika Ċeka	-2	-9	-8	11	-6
Id-Danimarka	-16	-8	0	-3	-3
Il-Ġermanja	-7	-6	-3	-5	-17
L-Estonja	-1	-20	-35	-21	-21
L-Irlanda	-4	-5	-17	-2	-2
Il-Greċja	-7	-4	-2	-4	-3
Spanja	0	-2	-1	-2	-2
Franza	-3	-3	0	-3	-3
L-Italja	-1	-4	0	0	0
Ċipru	0	-1	-1	-3	-3
Il-Latvja	0	-23	-25	-27	-27
Il-Litwanja	-2	-5	0	-2	-2
Il-Lussemburgu	-9	-2	-1	-3	0
L-Ungerija	-3	-1	0	-2	-2
Malta	0	-4	-10	-3	-3
Il-Pajjiżi l-Baxxi	-15	-9	-3	-5	-3
L-Awstrija	-3	-4	-4	-58	-58
Il-Polonja	0	-2	-3	-3	-2
Il-Portugall	-5	-6	-7	-10	-10
Ir-Rumanija	-1	-6	-2	-4	-4
Is-Slovenja	-16	-17	-86	-30	-30
Is-Slovakkja	0	0	0	-5	-5
Il-Finlandja	-4	-12	-7	-9	-9
L-Isvezja	-2	-9	-1	-2	-2
Ir-Renju Unit	0	1	-1	-2	-2


* Għall-indikaturi tal-euro u l-bilanċ ta' pagamenti ta' kull tliet xhur, il-puntwalità medja għal erba' trażmissjonjiet tad-dejta (2011Q3-2012Q2)

** Għall-IDB (il-flussi u l-istokks), hemm żewġ talbiet ta' dejta separati, bi skadenzi differenti: 9 xhur u 21 xahar wara tmiem il-perjodu ta' referenza. Iż-żewġ settijiet tad-dejta, madankollu, iridu jaslu fl-istess data, l-aħħar ta' Settembru.

7. L-AĊĊESSIBBILTÀ U Ċ-ĊAREZZA

Id-dejta tal-BoP għas-27 Stat Membru tal-UE hija disponibbli bla ħlas mis-sit elettroniku tal-Eurostat (Eurobase) fi: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/statistics/search_database.
Id-dejta ġiet organizzata skont kif jidher fil-Grafika 1.

Grafika 1: Id-dejta tal-BoP onlajn għall-utenti kollha



Kemm in-numru kif ukoll id-dettall tad-dejta tal-BoP mqassma onlajn żdiedu gradwalment maż-żmien. It-tqassim regolari tad-dejta dwar ir-rimessi tal-ħaddiema beda fi Frar 2010. Minħabba l-interess dejjem jikber fid-dejta nazzjonali tal-BoP u l-IIP, fl-2011 bdew jitqassmu serji kronoloġiċi itwal, analiżijiet ġeografiċi aktar profondi u tabelli aktar kompluti. Fl-2011, inħolqu tabelli ġodda marbuta mal-"Partiti Ewlenin tal-Bilanċ tal-Pagamenti u tal-Pożizzjoni tal-Investiment Internazzjonali bħala sehem mill-PGD" u "Ishma tas-suq tal-esportazzjonijiet" u bdiet titqassam dejta ta' kull tliet xhur dwar il-Pożizzjoni tal-Investiment Internazzjonali. F'April 2013, Eurostat beda jqassam informazzjoni aktar granulari marbuta mal-kont finanzjarju tal-BoP ta' kull tliet xhur.


8. IL-KOMPARABBILTÀ

Il-"kumparabilità" għandha x'taqsam mad-differenza li tista' tiġi osservata meta l-istatistika dwar l-istess dominju titqabbel bejn żoni ġeografiċi differenti jew matul iż-żmien.

Ir-rapport dwar il-kwalità tal-BoP ikejjel il-komarabbiltà spazjali billi jqis l-asimetriji. Regolarment, Eurostat jipprovdi tabelli li jenfasizzaw l-iktar asimetriji persistenti għal kull pajjiż u partita, u jħeġġeġ lill-pajjiżi biex jindirizzaw il-problemi sottostanti permezz ta' kuntatti bilaterali u skambji ta' informazzjoni aktar dettaljata. Ġie stabbilit ukoll in-netwerk tal-investiment dirett barrani (IDB) biex jippermetti skambji ta' dejta bilaterali tal-IDB u, biż-żmien, hu mistenni li jnaqqas l-asimetriji fl-IDB.

Il-Graff 2 tqabbel l-asimetriji tal-UE-27 ma' dawk dinjin. Filwaqt li l-asimetriji tal-UE-27 ma huma bl-ebda mod insinifikanti (jirrappreżentaw 0.8% tal-PDG tal-UE), ilhom stabbli mill-2004 'il quddiem. L-inizjattivi varji li Eurostat qed jieħu biex jindirizza l-asimetriji fil-BoP tal-UE-27 qegħdin bla dubju jħallu l-frott.

Graff 2: Asimetriji tal-UE-27 u dawk dinjin, kont kurrenti totali, 1999-2012, f'miljuni ta' EUR



9. IL-KOERENZA

Il-koerenza tiffoka fuq il-konsistenza tal-istatistika li tingabar għal għanijiet differenti. Ir-rapport dwar il-kwalità tal-BoP jkejjel dan il-komponent billi jħares kemm lejn il-konsistenza interna (il-konformità mar-regoli tal-integrità, il-koerenza bejn id-dejta ta' kull tliet xhur u dik ta' kull sena u d-daqs tal-iżbalji u l-omissjonijiet) kif ukoll lejn il-konsistenza esterna (il-koerenza bejn id-dejta dwar il-BoP u statistika simili minn oqfsa differenti tal-istatistika). Isir monitoraġġ regolari tal-konsistenza esterna tad-dejta dwar il-BoP għall-prodotti u tal-istatistika dwar il-kummerċ barrani (FTS) (kif tinħareġ mill-Intrastat u l-Extrastat).

9.1. Il-konsistenza interna

Il-konsistenza interna titkejjel billi wieħed iħares lejn il-valuri tal-iżbalji u l-omissjonijiet netti. L-iżbalji u l-omissjonijiet netti jikkostitwixxu l-partita residwa li tibbilanċja l-kontijiet. Xi drabi l-iżbalji tal-kompilazzjoni jpattu għal xulxin. Konsegwentement, id-daqs ta' din il-partita residwali ma jipprovdix neċessarjament xi indikazzjoni tal-preċiżjoni ġenerali tad-dikjarazzjoni.

Il-kompilaturi nazzjonali tal-BoP jagħmlu monitoraġġ mill-qrib tal-iżbalji u l-omissjonijiet netti: valuri għoljin jew żidiet kostanti huma sinjal ta' problemi fis-sistemi tal-kompilazzjoni li għandhom jiġu identifikati u indirizzati.

It-Tabella 6 turi l-iżball relattiv medju rreġistrat mill-Istati Membri għall-perjodu 2009-11. Dan huwa daqs il-medja tal-valur assolut tal-iżbalji u l-omissjonijiet netti matul il-perjodu kkonċernat (imkejla bħala sehem tal-medja tal-krediti u d-debiti tal-kont kurrenti), kif irreġistrat fil-bilanċ tal-pagamenti ta' kull tliet xhur tal-Istati Membri. Għall-perjodu 2009-11, ħames Stati Membri (l-Italja, id-Danimarka, l-Isvezja, il-Finlandja u l-Irlanda) irreġistraw valur ta' madwar 10 % għal dan l-indikatur. Meta mqabbel mal-perjodu 2008-10, id-daqs tal-iżbalji u l-omissjonijiet naqas kemxejn fil-Bulgarija, il-Finlandja u l-Isvezja. Fl-Italja, il-valuri tal-iżbalji u l-omissjonijiet għadhom għoljin, u dan minħabba t-tranżizzjoni għal sistema totalment ġdida tal-ġbir u l-kumpilazzjoni.

It-Tabella 7 turi s-somma relattiva kumulata ta' żbalji u omissjonijiet (E&O), li tinħadem għal kull perjodu bħala s-somma kumulata ta' E&O diviża bil-kont kurrenti totali (is-somma tal-kreditu u d-debitu). Dan l-indikatur jivvaluta l-persistenza tas-sinjal tal-iżbalji u l-omissjonijiet, u juri l-inqas valuri għal dawk l-Istati Membri li għalihom l-iżbalji u l-omissjonijiet qed jibdlu s-sinjali, indikatur ta' E&O li mhux sistematiku. Fl-2011, ħames Stati Membri (id-Danimarka, l-Italja, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Finlandja) irreġistraw valur ogħla minn 10% għal dan l-indikatur.

Tabella 6: L-iżball relattiv medju, 2009-11

Il-Belġju	1%	**Franza**	8%	**L-Awstrija**	4%
Il-Bulgarija	6%	**L-Italja**	12%	**Il-Polonja**	5%
Ir-Repubblika Ċeka	2%	**Ċipru**	3%	**Il-Portugall**	2%
Id-Danimarka	10%	**Il-Latvja**	2%	**Ir-Rumanija**	5%
Il-Ġermanja	4%	**Il-Litwanja**	1%	**Is-Slovenja**	2%
L-Estonja	2%	**Il-Lussemburgu**	0%	**Is-Slovakkja**	4%
L-Irlanda	9%	**L-Ungerija**	2%	**Il-Finlandja**	9%
Il-Greċja	3%	**Malta**	4%	**L-Isvezja**	10%
Spanja	3%	**Il-Pajjiżi l-Baxxi**	4%	**Ir-Renju Unit**	4%

Tabella 7: L-iżbalji u l-omissjonijiet relattivi kumulati, 2011

Il-Belġju	1%	**Franza**	3%	**L-Awstrija**	0%
Il-Bulgarija	9%	**L-Italja**	-12%	**Il-Polonja**	-17%
Ir-Repubblika Ċeka	-4%	**Ċipru**	2%	**Il-Portugall**	-2%
Id-Danimarka	-19%	**Il-Latvja**	4%	**Ir-Rumanija**	-4%
Il-Ġermanja	4%	**Il-Litwanja**	0%	**Is-Slovenja**	0%
L-Estonja	-1%	**Il-Lussemburgu**	0%	**Is-Slovakkja**	-12%
L-Irlanda	-5%	**L-Ungerija**	-5%	**Il-Finlandja**	-19%
Il-Greċja	-2%	**Malta**	7%	**L-Isvezja**	-1%
Spanja	-2%	**Il-Pajjiżi l-Baxxi**	-4%	**Ir-Renju Unit**	0%

9.2. Il-konsistenza esterna


Il-konsistenza esterna tirrigwarda l-koerenza bejn id-dejta tal-BoP u statistika simili minn oqfsa differenti tal-istatistika.

Il-konsistenza esterna marbuta mal-prodotti, kif irrappurtata fid-dejta tal-BoP u fl-istatistika dwar il-kummerċ barrani (FTS), tiġi monitorjata regolarment mill-Eurostat. Meta ż-żewġ settijiet tad-dejta jitqabblu, għandhom jitqiesu d-differenzi metodoloġiċi bejn il-BoP u l-FTS. Id-differenzi ewlenin huma marbuta mal-fatt li l-BoP jeħtieġ bidla fis-sjieda sabiex tkun irreġistrata tranżazzjoni, filwaqt li l-FTS tirreġistra l-movimenti fiżiċi transkonfinali tal-prodotti, u b'metodi differenti ta'

evalwazzjoni[12]. Eżempju wieħed ta' din id-differenza hu t-trattament tad-deheb mhux monetarju li jibdel is-sid mingħajr ma jkun fiżikament trasferit lejn il-pajjiż tas-sid il-ġdid; dan id-deheb mhux inkluż fl-FTS iżda hu inkluż fil-BoP.

Il-konsistenza ġenerali bejn id-dejta tal-FTS u tal-BoP tista' tiġi stmata malajr billi wieħed iħares lejn differenzi fis-serje kronoloġiċi bejn il-valuri tal-krediti/esportazzjonijiet u debiti/importazzjonijiet li huma disponibbli miż-żewġ oqfsa tal-istatistika u kif jidher fil-Graff 3 għall-aggregat tal-UE-27. Il-konsistenza bejn id-dejta dwar il-prodotti fil-BoP u fl-FTS tjiebet f'dawn l-aħħar snin u d-differenza stabbilizzat ruħha f'livelli pjuttost baxxi.

Graff 3: Prodotti – id-differenza bejn l-FTS u l-BoP, UE-27 u msieħba li mhumiex fl-UE-27



10. KONKLUŻJONIJIET

Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-BoP wassal għal aktar armonizzazzjoni fl-istatistika tal-bilanċ ta' pagamenti fl-UE u żied id-disponibilità tad-dejta għall-utenti.

Dan id-dokument ta' ħidma juri li d-dejta tal-BoP meħtieġa mill-Eurostat fil-mekkaniżmu tar-Regolament tal-BoP tiġi rrappurtata minn kull Stat Membru, ġeneralment fil-ħin. Ammont ħafna akbar ta' dejta dwar il-BoP issa huwa disponibbli għall-utenti finali meta mqabbel ma' dak li seta' jinkiseb fl-aħħar tad-disgħinijiet: issa hemm disponibbli iktar dettall dwar it-tranżazzjonijiet u t-tqassim ġeografiku, il-frekwenza u t-tempestività tad-dejta tjiebu u nħolqu sensieli kronoloġiċi itwal minħabba l-analiżi ekonomika. Qed isir iktar użu mill-estimi, li żied l-importanza tar-rapporti dwar il-kwalità li jippermettu monitoraġġ regolari tal-istabbiltà u l-konsistenza tad-dejta.

[12] L-importazzjonijiet/debiti jiġu vvalutati *free on board* (f.o.b.) fil-BoP, iżda jiġu vvalutati *cost, insurance and freight* (c.i.f.) fl-FTS.

B'riżultat tal-kriżi finanzjarja, id-dejta dwar il-BoP u l-IIP qed tkun dejjem iktar taħt skrutinju mill-utenti. Eurostat u l-kompilaturi nazzjonali qed jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżguraw li d-dejta tal-BoP u l-IIP jissodisfaw bis-sħiħ il-ħtiġijiet taċ-ċirku wiesa' tal-utenti.

L-eżerċizzju li jmiss ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-BoP se jibda f'Jannar 2014.